# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 244/2017**

**Perit Daniel Micallef u l-Avukat Lydia Abela fil-kwalità rispettiva tagħhom ta' President u Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali għan-nom u fl-interess tal-Partit Laburista**

***v.***

**Kummissjoni Elettorali; u b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2017 issejħu fil-kawża l-Onor. Simon Busuttil, Rosette Thake u l-Avukat Ann Fenech fil-kwalità rispettiva tagħhom ta' Kap, Segretarju Ġenerali u President tal-Eżekuttiv f'isem il-Partit Nazzjonalista, l-Onor Carm Mifsud Bonnici u l-Onor. Frederick Azzopardi**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-Partit Laburista ["PL"] fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2017 biex jissejjaħ fil-kawża l-Partit Demokratiku ["PD"].

2. Il-kwistjoni fil-kawża hi jekk fl-elezzjoni tat-3 ta' Ġunju 2017 l-Onor. Marlene Farrugia kinitx eletta bħala kandidat fl-interess tal-Partit Nazzjonalista ["PN"] jew kinitx eletta bħala kandidat tal-PD. Jekk kienet eletta bħala kandidat tal-PN mela hemm biss partit wieħed ta' minoranza għall-għanijiet tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] dwar elezzjoni ta' deputati addizzjonali, u għalhekk dawk id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw biex jiġu dikjarati eletti żewġ kandidati oħra tal-PN; jekk min-naħa l-oħra kienet eletta bħala deputat tal-PD mela hemm żewġ partiti ta' minoranza u d-dis-posizzjonijiet tal-art. 52 ma japplikawx.

3. Persuna tista' tissejjaħ fil-kawża jekk għandha interess f'dik il-kawża. L-interess li jista' jkollu l-PD huwa illi jiġi dikjarat illi l-Onor. Marlene Farrugia hija jew ma hijiex deputat elett fl-interess tiegħu. Dan iżda jkun biss għall-għanijiet tal-applikabilità tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni u mhux għal għanijiet oħra tal-liġi. F'kull każ, iżda, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum l-applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-art. 52 ma jistax iwassal biex jitqies elett jew ma jitqiesx elett deputat tal-PD u għalhekk ma jistax jingħad illi l-PD għandu interess dirett fl-eżitu tal-kawża tallum.

4. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għas-sejħa tal-PD fil-kawża. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-PL billi kien dan li għamel it-talba.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur